

## Bejgħ fl-irkant bil-qorti - Portugall

### 1. Avviż ta' bejgħ u prezzijiet tal-proprjetà maqbuda

Fil-preżent, il-bejgħ tal-beni jsir, preferibbilment, permezz tal-pjattaforma <https://www.e-leiloes.pt/>, skont l-Artikolu 837 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili tal-Portugall (*Código de Processo Civil* - CPC) u l-Artikoli 20 *et seq* tal-Ordni ta' Implimentazzjoni Ministerjali Nru 282/2013 tad-29 ta' Awwissu.

Ir-regoli operatorji tal-pjattaforma <https://www.e-leiloes.pt/> ġew approvati permezz tal-Ordni tal-Ministru tal-Ġustizzja Nru 12624/2015, ippubblikata fil-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika Portugiża (*Diário da República*), serje 2, Nru 219, datata d-9 ta' Novembru 2015.

**L-avviżi ta' bejgħ** huma rregolati mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6 tal-Ordni Ministerjali 12624/2015:

#### L-Artikolu 6

##### Reklamar tas-subbasta

1. Is-subbasta jiġu ppubblikati fuq il-pjattaforma [www.e-leiloes.pt](http://www.e-leiloes.pt), u b'deċiżjoni tal-Assoċjazzjoni tal-Konsulenti Legali tal-Portugall (*Câmara dos Solicitadores*), tista' titqassam informazzjoni kompluta jew parzjali fuq siti oħra tal-Internet, b'mod stampat jew permezz tal-posta elettronika, mingħajr preġudizzju għall-aġent ta' eżekuzzjoni inkarigat mill-proċedura li jirreklama l-bejgħ permezz ta' mezzi oħra li jidhirlu li jkun xierqa.
2. Il-pubblikazzjoni fuq il-portal [www.e-leiloes.pt](http://www.e-leiloes.pt), bħala minimu, trid tindika:
  1. In-numru tal-proċedimenti ġudizzjarji, il-qorti u l-unità ta' organizzazzjoni;
  2. Id-data ta' bidu tas-subbasta;
  3. Id-data ta' skadenza tas-subbasta (data u ħin);
  4. Il-valur bażi tal-beni (jew sett ta' beni) li għandhom jinbiegħu;
  5. Il-valur tal-offerta finali;
  6. Fil-każ ta' proprjetà mobbli, ritratt tal-beni jew sett ta' beni inklużi fil-lott subbostat;
  7. Identifikazzjoni fil-qosor tal-beni;
  8. In-natura tal-beni;
  9. Fil-każ ta' proprjetà immobbli, il-post u l-għamla tagħha, l-entrata fir-reġistru tal-artijiet u d-deskrizzjoni tal-proprjetà, id-distrett, il-muniċipalità, il-parroċċa u l-koordinati ġeografiċi tal-post approssimattiv, ritratt tal-proprjetà minn barra u meta jkun possibbli minn ġewwa, fil-każ ta' proprjetà urbana jew blokk bini;
  10. L-identifikazzjoni tat-trustee jew il-post tad-depożitu;
  11. Fejn u fi xħin wieħed jista' jmur jara l-beni, u d-dettalji ta' kuntatt tat-trustee;
  12. L-identifikazzjoni tal-aġent tal-eżekuzzjoni inkarigat mill-proċedura, inklużi ismu, l-identifikazzjoni professjonali, in-numru tat-telefown u tal-mowbajl, il-faks, l-email u s-sigħat ta' ħidma tiegħu;
  13. Kwalunkwe ċirkostanza li, skont il-liġi, trid tkun innotifikata lil kull parti interessata, inklużi kull oġġezzjoni pendenti għall-eżekuzzjoni jew il-qbid, kull appell pendenti, il-preżenza ta' impedimenti mhux preskritti mal-bejgħ, u kull detentur ta' drittijiet ta' prelazzjoni li jissemmew fil-proċedura;
  14. Isem id-debitur(i) tal-eżekuzzjoni ta' min huma l-beni li għandhom jinbiegħu.

##### Il-prezzijiet/valuri tal-beni maqbuda;

**Il-Valur Bażi:** Dan huwa l-valur tal-beni jew sett ta' beni li jiffurmaw lott, kif iddeterminat fl-ambitu tal-proċedura li l-bejgħ huwa relatat magħha, jiġifieri tal-eżekuzzjoni rregolata f'konformità mas-CPC jew, ta' proċedura ta' insolvenza, irregolata f'konformità mal-Kodiċi ta' Insolvenza u ta' Rkupru tan-Negozji (*Código da Insolvência e da Recuperação de Empresas*).

**Il-Valur Minimu:** Il-"valur minimu" huwa l-valur li bih il-prodotti jistgħu jinbiegħu jekk ikunu 'l fuq minnu, u li jikkorrispondi, skont l-Artikolu 816(2) tas-CPC, għal 85 % tal-valur bażi. F'xi każijiet, il-valur minimu jista' jkun ugwali għall-valur bażi.

## 2. Partijiet terzi li jistgħu jwettqu l-bejgħ

Ir-regoli operatorji tal-pjattaforma <https://www.e-leiloes.pt/> ġew approvati permezz tal-Ordni tal-Ministru tal-Ġustizzja Nru 12624/2015, ippubblikata fil-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika Portugiża, serje 2, Nru 219, datata d-9 ta' Novembru 2015, u stipulat li l-pjattaforma kienet se tiġi żviluppata u amministrata minn dik li kienet l-Assoċjazzjoni tal-Konsulenti Legali tal-Portugall, u issa saret l-Assoċjazzjoni tal-Konsulenti Legali u tal-Aġenti tal-Eżekuzzjoni (*Ordem dos Solicitadores e Agentes de Execução*).

Fi proċeduri ta' eżekuzzjoni ċivili mwettqa minn aġenti tal-eżekuzzjoni, huma biss dawn tal-aħħar li jistgħu jmexxu l-proċedimenti ta' bejgħ.

## 3. Tipi ta' bejgħ b'eżekuzzjoni li r-regoli jaf ma jkunux japplikaw għalkollox għalihom

Pereżempju, il-beni li jridu jinbiegħu fi swieq regolati jew li jridu jinbiegħu direttament.

### L-Artikolu 837 tas-CPC – Bejgħ permezz ta' subbasta elettronika

1. Għajr għall-każijiet li jissemmew fl-Artikoli 830 u 831, il-bejgħ tal-proprjetà immobbli maqbuda għandu jsejtn preferibbilment permezz ta' subbasta elettronika, skont termini li għandhom jiġu definiti permezz ta' ordni ta' implimentazzjoni tal-Ministru tal-Gvern inkarigat mill-Ġustizzja.

### L-Artikolu 830 tas-CPC – Beni mibjugħa fi swieq regolati

Strumenti finanzjarji u komoditajiet kkwotati f'suq regolat jinbiegħu fi swieq regolati.

### L-Artikolu 831 tas-CPC – Bejgħ dirett

Jekk ikun meħtieġ legalment li l-beni jitwasslu għand entità partikolari, jew ikun hemm wegħda ta' bejgħ fuqhom, b'effett reali, lil xi persuna li tkun tixtieq teżerċita d-dritt speċifiku ta' eżekuzzjoni, il-bejgħ isir direttament lilha.

Ta' min wieħed jinnota li, minkejja li s-subbasta elettronika hija l-mod preferut ta' bejgħ b'eżekuzzjoni fil-Portugall, is-CPC jipprevedi wkoll metodi alternattivi ta' bejgħ:

1. bejgħ permezz ta' offerta ssiġillata;
2. bejgħ fi swieq regolati;
3. bejgħ dirett lill-persuni jew entitajiet li huma intitolati li jakkwistaw il-beni;
4. bejgħ permezz ta' negozjar privat;
5. bejgħ f'kumpanija tal-irkant;
6. bejgħ f'faċilità pubblika jew simili ta' depożitu;
7. bejgħ permezz ta' subbasta elettronika

## 4. Informazzjoni mir-reġistri nazzjonali tal-proprjetà

Fost l-entitajiet regolatorji u tar-reġistri nsibu:

- **L-Istitut tar-Reġistri u tas-Servizzi Notarili (*Instituto dos Registos e do Notariado, I.P.* – IRN):** dan huwa istitut pubbliku bl-inkarigu li jinforza l-politiki relatati mas-servizzi tar-reġistri u jwettaq monitoraġġ tagħhom, bl-għan li jipprovdi servizzi liċ-ċittadini u lill-kumpaniji fl-ambiti tal-identifikazzjoni ċivili u r-reġistri ċivili, ir-reġistri tan-nazzjonalità, il-proprjetà immobbli, ir-reġistri kummerċjali, u r-reġistri tal-proprjetà mobbli u tal-entitajiet ġuridiċi, kif ukoll ir-regolamentazzjoni, il-monitoraġġ u s-sorveljanza tal-attività notarili – pereż.: il-proprjetà immobbli, il-vetturi, id-dgħajjes, l-ajruplani, eċċ.
- **Il-Kummissjoni tas-Suq tat-Titoli (*Comissão do Mercado de Valores Mobiliários* – CMVM):** għandha l-inkarigu li tissorvelja, twestaq superviżjoni u tirregola s-swieq finanzjarji, kif ukoll l-aġenti li joperaw fihom, waqt li tiproteġi l-protezzjoni tal-investituri – pereż.: ishma u strumenti finanzjarji

- L-Istitut Nazzjonali tal-Proprietà Industrijali (*Instituto Nacional de Propriedade Industrial – INPI*): l-attività tiegħu tiffoka fuq l-assenjar u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprietà industrijali, internament u esternament, f'kollaborazzjoni ma' għaqdiet internazzjonali li l-Portugall huwa membru tagħhom, pereż. trademarks u privattivi.

## 5. Informazzjoni dwar il-bażijiet tad-*data* li fihom il-kreditur jista' jidentifika l-assi jew il-krediti tad-debitur

L-ewwel nett, huwa importanti li tittieñed nota tal-fatt li l-aċċess għall-bażijiet tad-*data* jsir permezz tal-aġent tal-eżekuzzjoni, b'mod kunfidenzjali, aktar milli mill-kreditur direttament.

Ordni ta' Implimentazzjoni Ministerjali Nru 331-A/2009 tat-30 ta' Marzu, kif emendata mill-Ordni ta' Implimentazzjoni Ministerjali Nru 350/2013 tat-3 ta' Diċembru, u permezz tal-Ordni ta' Implimentazzjoni Ministerjali Nru 288/2015 tas-17 ta' Settembru, tirregola l-aċċess għall-bażijiet tad-*data* pubbliċi.

Ordni ta' Implimentazzjoni Ministerjali Nru 282/2013 tad-29 ta' Awwissu wkoll tirregola l-aċċess għall-bażijiet tad-*data* tal-Bank tal-Portugall.

Il-bażijiet tad-*data* li l-aġent tal-eżekuzzjoni għandu aċċess dirett għalihom huma, fost l-oħrajn:

1. L-awtorità tat-taxxa u doganali (*Autoridade Tributária e Aduaneira*);
2. is-Sigurtà Soċjali;
3. Il-Fond ta' Pensjoni tas-Servizz Ċivili (*Caixa Geral de Aposentações*);
4. Ir-Reġistru tal-Artijiet;
5. Ir-Reġistru Kummerċjali;
6. Ir-Reġistru Nazzjonali tal-Persuni Ġuridiċi;
7. Ir-Reġistru tal-Vetturi bil-Mutur;
8. Il-Bank tal-Portugall;
9. L-Istitut ta' Ġestjoni tad-Dejn Pubbliku (*Instituto de Gestão de Crédito Público*);
10. Il-portal tal-ġustizzja taċ-ċittadini CITIUS.

## 6. Informazzjoni dwar il-bejgħ ġudizzjarju online

Ir-regoli operatorji tal-pjattaforma <https://www.e-leiloes.pt/> ġew approvati permezz tal-Ordni tal-Ministru tal-Ġustizzja Nru 12624/2015, ippubblikata fil-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika Portugiża, serje 2, Nru 219, datata d-9 ta' Novembru 2015.

L-informazzjoni rilevanti tinsab hawnhekk:

[Regoli operatorji tal-pjattaforma tas-subbasti elettroniċi](#)

[Tweġibiet għall-Mistoqsijiet Frekwenti](#)

---

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija **ġestita mill-Istat Membru rispettiv**. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdañhal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

L-añhar aġġornament: 12/08/2019